4 ta' Marzu, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Rita Vella *versus* Avv. Dr. Alberto Ganado et. ne.

**Żwieġ — Separazzjoni Personali — Divorzju — Dritt Kanoniku — Nullità — Adulterju — Domiċilju — Kan. 1013 para. 2 u 1118 tad-Dritt Kanoniku.**

*L-istat personali ta' persuna domiċiljata f'Malta huwa regolat mill-liġijiet viġenti f'dawn il-Gżejjer.*

*Fiż-żwieġijiet kattoliċi f'dawn il-Gżejjer jiffurmaw parti integrali tad-Dritt Ċivili Tagħna d-dispożizzjonijiet tad-Dritt Kanoniku, sakemm ma jkunux modifikati b'liġi espressa; u skond id-Dritt Kanoniku ż-żwieġ huwa indissolubili ħlief bil-mewt ta' wieħed mill-konjuġi.*

*Għaldaqstant, b'liġi espressa, iż-żwieġ ċelebrat f'dawn il-Gżejjer bejn kattoliċi domiċiljati f'Malta huwa indissolubili ħlief bil-mewt ta' wieħed mill-konjuġi; u s-sentenza ta' divorzju ottenuta f'pajjiż ieħor minn wieħed minn dawk il-konjuġi hija nulla.*

*Għalhekk ukoll, jekk wieħed mill-konjuġi kattoliċi, miżżewweġ u domiċiljat f'Malta, jottjeni sentenza ta' divorzju f'pajjiż ieħor u jerġa' jiżżewweġ, u t-tieni żwieġ jiġi konsumat, dak il-konjuġi jirrendi ruħu ħati ta' adulterju di fronti għall-konjuġi l-ieħor, u jilleġittima t-talba ta' dan il-konjuġi l-ieħor għas-separazzjoni personali.*

*Biex jista' jingħad li persuna biddlet id-domiċilju ta' l-oriġini tagħha mhux biżżejjed il-qagħad twil f'pajjiż ieħor barrani għall-motiv ta' kummerċ jew xogħol, anki jekk tkun ħadet magħha l-familja, imma jeħtieġ li jirriżulta bi provi preċiżi u konkludenti li ma kellha ebda intenzjoni li tirritorna. Anzi lanqas huwa biżżejjed li persuna tkun akkwistat id-domiċilju tal-pajjiż fejn tkun marret, għaliex huwa ammissibili li wieħed ikollu żewġ domiċilji. Sakemm dak li jkun ma jippruvax b'mod preċiż u konkludenti li huwa mhux biss akkwista domiċilju ieħor, imma wkoll li huwa tilef id-domiċilju tiegħu f'Malta, ma jistax jakkampa l-pretensjoni li ma hux aktar domiċiljat f'dawn il-Gżejjer.*

*Il-Qorti* — *Rat l-att taċ-ċitazzjoni*, li bih l-attriċi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, wara li ppremettiet illi l-konvenut żewġha rrenda ruħu ħati ta' adulterju, peress li huwa ottjena pretiż divorzju mill-attriċi u reġa' żżewweġ fis-27 ta' Ottubru 1949 (dok. B) ma' mara oħra, u dana barra mill-eċċessi, sevizji, minaċċi u ġurji gravi, li rrendew impossibili l-ħajja konjugali tal-kontendenti; previja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-imsemmi divorzju huwa legalment ineffikaċi talbet illi (1) tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejn l-attriċi u l-imsemmi żewġha, għal ħtija ta' l-istess żewġha; (2) jiġi dikjarat u deċiż li żewġha ddekada mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Civili, sa fejn huma applikabili għall-każ; (3) il-konvenuti nomine jiġu kundannati jirrestitwixxu lill-attriċi s-sustanzi minnha apportati fl-okkażjoni u in konsiderazzjoni taż-żwieġ; (4) l-istess konvenuti nomine jiġu kundannati jħallsu lill-attriċi, għaliha u għaż-żewġ uliedha Josephine u Charles sive Carmelo, pensjoni alimentari bil-modalitajiet li tiffissa l-Qorti; (5) il-kura u l-kustodja ta' dawk it-tfal tiġi mogħtija lill-attriċi. B'riżerva ta' drittijiet oħra, anki rigward l-azzjoni kriminali. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine;

***Omissis;***

Ikkunsidrat;

Illi *jirriżulta* li l-attriċi żżewġet lil Oliver Vella fit-2 ta' Awissu 1941, fil-Knisja Parrokkjali tal-Portu Salvu, il-Belt Valletta (fol. 7), u marru joqogħdu f'West Street, l-istess Belt. Minn dak iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, Josephine u Charles sive Carmelo, li għadhom minuri................ Fiż-żmien taż-żwieġ Oliver Vella ma kien jagħmel xejn............ F'Awissu 1944 huwa ħa "scholarship" għal sentejn fil-mużika, u mar l-Ingilterra biex jottjeni ċertifikat fl-akkademja ta' hemmhekk. Huwa nsista biex l-attriċi tmur ħdejh, u hekk, fil-25 ta' Diċembru 1944 l-attriċi marret, maż-żewġ uliedha, u waslet Londra fis-7 ta' Jannar 1945. L-attriċi ġiet Malta għal ftit, u reġgħet marret Londra ħdejn żewġha. In segwitu hija ġiet Malta, fejn baqgħet sal-lum maż-żewġ uliedha. Hija ġiet lura fis-26 ta' Ġunju 1949;

Fiż-żmien li kienet l-Ingilterra, l-attriċi għamlet kawża ta' separazzjoni kontra żewġha, imma dik il-kawża tilfitha.

Wara dina l-kawża, Oliver Vella ottjena sentenza ta' divorzju minn ma' l-attriċi fl-24 ta' Mejju 1949, mill-High Court of Justice, Probate and Admiralty Division, u fis-27 ta' Ottubru 1949 huwa għadda għal forma ta' *żwieġ* ma' Sheila Eleanor Dixon fir-Register Office ta' Liverpool (fol. 6); u minn dan iż-żwieġ, fid-9 ta' Frar 1951, twieled tifel, Michael Vella;

Ikkunsidrat;

*Illi l-kawżali li fuqhom l-attriċi tibbaża dina l-kawża* huma dik prinċipali ta' adulterju, kif ukoll ta' eċċessi, sevizji, minaċċi u inġurji gravi minn naħa ta' Oliver Vella, żewġha, kontra tagħha;

Illi dwar l-ewwel kawżali, ta' adulterju, jingħad illi t-tieni żwieġ, jew forma ta' żwieġ, ta' Oliver Vella ma' Sheila Dixon, u speċjalment it-twelid tat-tifel Michael minn dan iż-żwieġ, huma *prova ċara* li Oliver Vella ikkommetta adulterju di fronti għall-attriċi. Kontra dan il-fatt huwa ma jistax jittrinċera ruħu billi jgħid li meta żżewweġ lil Sheila Dixon hu kien maħlul minn ma' l-attriċi, billi kien ottjena divorzju minnha. Infatti, id-domiċilju ta' l-attriċi u dak ta' Oliver Vella, kif jingħad aktar 'il quddiem, huwa dak ta' Malta, u għalhekk l-istat personali tagħhom huwa regolat mil-liġijiet viġenti f'dawn il-Gżejjer. U fiż-żwieġijiet kattoliċi f'dawn il-Gżejjer jiffurmaw parti integrali tad-Dritt Ċivili Tagħna d-dispożizzjonijiet tad-Dritt Kanoniku, sakemm ma jkunux modifikati minn *liġi espressa*. Skond dan l-aħħar Dritt jinsab stabbilit: "Essentiales matrimonii proprietates sunt unitas ac indissolubilitas, quae in matrimonio christiano peculiarem obtinent firmitatem ratione sacramenti" (can. 1013, para. 2), u, "Matrimonium validum ratum et consummatum nulla humana potestate nullaque causa, praeterquam morte, dissolvi potest" (can. 1118). Għalhekk, b'liġi espressa, skond il-liġi tad-domiċilju, iż-żwieġijiet ċelebrati f'dawn il-Gżejjer bejn kattoliċi huma indissolubili ħlief bil-mewt ta' wieħed mill-konjuġi. Oliver Vella u l-attriċi ċċelebraw iż-żwieġ tagħhom Malta birrit kattoliku, u huma domiċiljati Malta, u għalhekk il-proċeduri u s-sentenza konsegwenzjali ta' divorzju ottenuta minn Oliver Vella ma għandhomx ebda effikaċja f'dawn il-Gżejjer (Kollez. Vol. XXV—I—636);

Ma hemmx kontestazzjoni li ż-żwieġ bejn Oliver Vella

u l-attriċi, li ġie ċelebrat Malta fis-sena 1941, kien validu u bejn żewġ kattoliċi, u għalhekk dak iż-żwieġ, la darba ħadd mill-partijiet fih ma ġie nieqes b'mewt, għadu indissolubbli u għadu jseħħ, kif kien iseħħ meta Oliver Vella żżewweġ fis-sena 1949 lil Sheila Dixon, żwieġ li ġie żgur konsumat, kif jidher mit-twelid minnu tat-tifel Michael Vella; u għalhekk ukoll ġie kommess adulterju di fronti għall-attriċi;

Lanqas ma jista' Oliver Vella jippretendi li fiż-żmien tat-tieni żwieġ tiegħu huwa kien domiċiljat l-Ingilterra, fejn id-divorzju huwa legalment rikonoxxut bħala validu. Infatti jirriżulta li tant qabel ma siefer għall-Ingilterra, kemm fiż-żmien li huwa kien hemmhekk, Oliver Vella dejjem kellu, u wera, l-intenzjoni tiegħu li jerġa' jiġi Malta; u biex jista' jingħad li persuna biddlet id-domiċilju ta' l-oriġini tagħha ma hux biżżejjed il-qagħad twil f'pajjiż ieħor barrani għal motiv ta' kummerċ jew ta' xogħol, anki jekk tkun ħadet magħha l-familja, imma jeħtieġ li jirriżulta bi provi preċiżi u konkludenti li hija ma kellha ebda intenzjoni li tirritorna (Kollez. Vol. XXVI—I—1). Anzi lanqas huwa biżżejjed li persuna tkun akkwistat id-domiċilju tal-pajjiż fejn tkun marret, għax huwa ammissibili li wieħed ikollu żewġ domiċilji (Kollez. Vol. XXIX—III—232). Għalhekk, sakemm Oliver Vella ma jippruvax b'mod preċiż u konkludenti li huwa akkwista d-domiċilju ta' l-Ingilterra, mhux biss, imma ukoll li huwa tilef id-domiċilju tiegħu f'Malta, huwa ma jistax jakkampa l-pretensjoni iżjed 'il fuq prospettata. Għalhekk ukoll, għandu jiġi ritenut li s-sentenza tad-divorzju ottenuta minn Oliver Vella hija nulla, u li huwa, biż-żwieġ tiegħu ma' Sheila Dixon, evidentement konsumat, billi minnu twieled it-tifel Michael Vella, irrenda ruħu ħati ta' adulterju lejn l-attriċi;

Illi dwar il-kawżali l-oħra, ta' eċċessi, sevizji, minaċċi, u inġurji gravi, jingħad li s-separazzjoni personali tista' tiġi pronunċjata anki meta tirriżulta waħda biss mill-kawżali tassativament stabbiliti mil-liġi. Għalhekk, ladarba ġiet pruvata l-kawżali ta' l-adulterju, ma jidherx il-każ li dina l-Qorti tittratttjeni ruħha fl-eżami jekk jirriżultawx dawk il-kawżali l-oħra għall-finijiet ta' din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li Oliver Vella jaqla'.................. Jirriżulta li s-sustanzi li l-attriċi apportat fiż-żwieġ tagħha kienu £1150 u gwardarrobba tal-kawba;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiddikjara illi d-divorzju ottenut minn Oliver Vella hu legalment ineffikaċi, u billi tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attriċi; u għall-finijiet tar-raba' talba tikkundanna l-konvenuti, fil-kwalità tagħhom ġa msemmija, iħallsu lill-attriċi, għaliha u għaż-żewġ uliedha, bħala pensjoni alimentarja, is-somma ta' £1. 10. 0 kull jum, titħallas bix-xahar bil-quddiem mil-lum stess; u għall-finijiet tat-tielet talba, ir-restituzzjoni għandha tikkomprendi s-sustanzi msemmijin aktar 'il fuq. L-ispejjeż kollha tal-kawża, kompriżi dawk li ġew riżervati, għandhom jitħallsu mill-konvenuti nomine.